KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida**

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 13

**It-Tlieta 25 ta' Marzu 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christine Amaira – Viċi Sindku
Andrew Mallia – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

## 13.1 Qari tal-Apoloġiji

13.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittra ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku u oħra mingħand il-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

13.1.2 Minħabba li kien hemm jattendi s-Sur Ryan Cefai Mercieca, il-Liaison Officer tal-proġett tal-Imsida Creek, il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sabiex il-Kunsill jisma' l-aħħar updates. Kopja tal-minuti tinsab f'Anness 1.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 12

13.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 12, li kienu meqjusa moqrija.

13.2.2 Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Agius, f'para. 12.3.8, kien hemm qbil li l-ewwel riferenza għall-kelma ġnien għandha tinbidel bil-kelma parkeġġ biex ir-raba' sentenza tispiċċa bil-kliem 'din iż-żona tinbidel fi spazju pubbliku, parkeġġ u possibbilment jiġi inkorporat ukoll ġnien'.

13.2.3 Fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku fir-rigward ta' para. 12.3.17, kien hemm qbil li s-sentenza tinbidel kif ġej: 'Fir-rigward ta' para. 11.4.8, is-Sindku informa li l-Kunsill kien se jagħmel talba li jitnaddaf dan il-ġibjun, kif isir kull sena.

13.2.4 Il-minuti tal-laqgħa numru 12 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 13.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Is-Sindku informa li fir-rigward ta' para. 12.3.5, dwar Triq Achille Ferris, kienu bdew jagħmlu lines fit-triq u kienu saru numru ta' laqgħat u huwa kien attenda għalihom. Sfortunatament s'issa iżda ma kienx hemm approvazzjoni biex ix-xogħol jibda.

13.3.2 Dwar it-talba tal-Kunsill sabiex isiru *traffic lights* fi Triq San Alwiġi biex din tkun tista' tibqa' tintuża fuq iż-żewġ direzzjonijiet, is-Sindku informa li min-naħa ta' TM din ma ġietx aċċettata. Minflok huma kienu qed jirrakkomandaw li jitneħħa l-parkeġġ it-tul tat-triq kollha. Il-Kunsill ma qabilx b'mod unanimu u kien hemm qbil li b'mod speċjali minħabba l-proġett aħjar ma ssir ebda emenda fit-traffiku għalissa.

13.3.3 Fuq para. 12.3.9, rigward il-parkeġġ tal-iskola primarja, is-Sindku informa li l-*headmistress* kienet infurmatu li tat l-informazzjoni lir-rappreżentant tal-Ministru iżda li dan s'issa għadu ma għamilx kuntatt miegħu. Is-Sindku informa li l-Kunsillier Agius se jkun qed jgħinu fuq din il-kwistjoni.

13.3.4 Is-Sindku informa li kien ingħata bidu għall-kuntratt tal-knis ma' Clean Malta. Huwa informa li sfortunatament kien hemm xi intoppi għaliex kien hemm xi ħaddiema li ma kinux konsistenti fl-attendenza tagħhom. Barra minn dan, huwa qal li sakemm il-ħaddiema jidraw it-toroq u ż-żoni tagħhom, ovvjament kellhom bżonn numru ta' ġimgħat biex jidraw. Min-naħa tiegħu u tal-amministrazzjoni kienu qed jieħdu ħsieb jikkomunikaw mas-supervisor kif ukoll ma' Clean

Malta direttament biex jiġbdu l-attenzjoni fuq in-nuqqasijiet li qed ikunu jafu bihom. Huwa informa li f'Ġunju l-Kunsill kien se jingħata żewġ makkinarji jaħdmu bl-elettriku mingħand Clean Malta.

13.3.5 Is-Sindku informa wkoll li minħabba li d-Direttur Ġenerali ta' Clean Malta kien avża li l-kuntratt kien se jiswa €80,000 u mhux €64,000 kif maħsub, kienet intbagħatet ittra lid-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali sabiex possibbilment togħla l-allokazzjoni tal-Kunsill biex tirrifletti dan l-ammont. Intalab ukoll sabiex jgħaddi d-differenza biex il-Kunsill ikun jista' jħaddem dan il-kuntratt bla telf ta' fondi mir-riserva.

13.3.6 Is-Sindku informa li fir-rigward ta' para. 13.3.26, il-Ministru Bonett kien irrisponda li qed jgħaddi t-talba lil TM. S'issa ma kien hemm ebda risposta oħra.

13.3.7 Is-Sindku informa li fir-rigward tat-talba għal tpoġġija ta' kiosk viċin l-Università ma smajniex lura.

13.3.8 Is-Sindku informa li kienet saret l-ittra lill-Ministru Galdes b'kopja lill-Onorevoli Bonett u l-Onorevoli Dalli. L-Onorevoli Dalli kienet irrispondiet u kkupjat lil rappreżentanta ta' Project Green biex kemm-il darba jkun hemm deċiżjoni li jsir it-twaqqigħ, din il-persuna tgħin fl-implimentazzjoni tal-ġnien.

13.3.9 Is-Sindku informa li ġo Triq Giaocchino Navarro se titneħħa *keep clear* għax TM ikkonfermat li kienet bla permess.

13.3.10 Is-Sindku informa li fil-ġimgħat li ġejjin, kien se jerġa' jibda xogħol ta' trinek fl-inħawi ta' Triq il-Frangiskani min-naħa tal-WSC.

13.3.11 Il-Kunsillier Chircop informa li saret il-laqgħa mal-Kunsill tat-Tfal fejn il-Kunsillier Agius kien issuġġerielhom li joħorġu b'xi idea biex isiru kartolini għall-anzjani. Il-Kunsillier Chircop issuġġerixxa wkoll li 'l quddiem tittella' attività mit-tfal għat-tfal. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

13.3.12 Il-Kunsillier Farrugia informa li kienet saret laqgħa mas-sottokumitat tas-Swatar fejn min-naħa tal-Kunsill kienu attendew hu, is-sindku u s-SE.

13.3.13 Is-Sindku informa li IM kienu għaddew kopja ta' pjanta tal-bridge ta' quddiem il-pjazza. Kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħatha lill-Kunsilliera kollha għall-kummenti tagħhom.

13.3.14 Is-Sindku informa li residenta mis-Swatar kienet bagħtet ittra fejn talbet li ż-żona tal-*outside gym* tinbidel fi grawnd tal-futbol. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai ġibdet l-attenzjoni li fil-passat din iż-żona diġà kienet grawnd tal-futbol imma kellha titneħħa minħabba l-ilmenti li kien ikollu l-Kunsill. Il-Kunsillier Chircop issuġġerixxa li din il-kwistjoni tiġi diskussa mat-tfal taċ-Children's Local Council biex possibbilment joħorġu b'xi idea huma.

13.3.15 Il-Kunsillier Farrugia staqsa ma' min nistgħu nitkellmu dwar il-proġett tal-masġar fis-Swatar. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li l-proġett kien twaqqaf mis-CRPD minħabba li kienu qed jinsistu li l-ġnien ikun aċċessibbli għal wheelchair minn fuq għal isfel. Hija qalet li hemm wisq għoli biex issir rampa. Kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel kuntatt mal-Perit.

13.3.16 Is-sindku informa li kien hemm residenta mis-Swatar li talbet li xi biċċiet vojta li hemm fi Triq Indrì Grima għandhom jitnaddfu u jsiru *dog park.* Infurmajna lir-residenta li se nkunu qed nivverifikaw jekk l-art hijiex pubblika u wara nagħmlu talba mas-Segretarju Parlamentari għall-Ħarsien tal-Annimali.

13.3.17 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva email mingħand resident dwar proposti ġodda tal-immaniġġjar tat-traffiku għaż-żona ta' Triq l-Irmiġġ. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat kopja lil kull Kunsillier biex jarahom u jiġu diskussi.

13.3.18 Fir-rigward ta' para. 11.4.8, is-Sindku informa li l-Kunsill kien reġa' għamel talba biex jitnaddfu ż-żewġ ġibjuni.

13.3.19 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva email mingħand IM dwar il-lista ta' priorità għar-rikostruzzjoni ta' toroq. Kien hemm qbil li għandhom jiżdiedu Triq H. Calleja Schembri, Triq Achille Ferris, u Triq Ġużè Ellul Mercer.

13.3.20 Is-sindku qal li kien hemm kumpanija privata li għall-anniversarju kienu qed jipproponu li jħallsu biex jinxtraw u jitħawlu numru ta' siġar. Wara diskussjoni kien hemm qbil li m'hemmx post għal siġar ġodda fil-preżent u għaldaqstant il-Kunsill qabel li jipproponi xi affarijiet oħra, bħalma huma sponsorship biex jiġi skennjat il-ktieb ta' Dun Joe Calleja; jiġi rranġat il-ġnien tas-Swatar jew inkella li tiġi rranġata ż-żona ta' quddiem ix-xelter. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li jistgħu jieħdu ħsieb iż-żona ta' madwar il-ġibjun iż-żgħir.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

13.4.1 Għall-mistoqsija mingħand il-Kunsillier Agius, dwar 12.3.10, huwa kien semma' wkoll li kien ġie infurmat li l-permess tal-berġa ħareġ u ġiet approvata li ssir berġa ġdida fiż-żona tal-binja Patrick Holland.

13.4.2 Il-Kunsillier Agius informa li fi Triq il-Baċir k/m Triq J. Borg ikun hemm proposta għal xi miżura ta' *traffic calming* u għaldaqstant kien hemm diskussjoni dwar jekk għandhiex issir hump tal-lastiku jew tat-tarmak. Minħabba l-ispejjeż kien hemm qbil li ssir tal-lastiku. Kien hemm qbil ukoll mas-suġġeriment tal-Kunsillier Farrugia li fejn issir triq ġdida, it-traffic hump għandha ssir bit-tarmak.

13.4.3 Il-Kunsillier Agius reġa' semma' li l-lifter li hemm fil-binja tal-Kunsill għadu mhux jaħdem. Is-SE infurmat li kienet talbet biex issir spezzjoni fuqu u kemm-il darba l-ispiża hija konsiderevoli, possibbilment naraw jekk hemmx ċans li tiddaħħal applikazzjoni għal xi skema u tiġi inkluża l-installazzjoni ta' lifter ġdid.

13.4.4 Il-Kunsillier Agius informa li skont informazzjoni li għandu, numru ta' vetturi qed jgħaddu kontra d-direzzjoni tat-traffiku minn Triq EH Furse minn Triq Bieb it-Torri bejn l-4pm u s-6pm.

13.4.5 Il-Kunsillier Agius semma' li Triq Achille Ferris kien fiha ħafna ħmieġ. Kien hemm ukoll id-dawl mitfi. Kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat talba lil Clean Malta biex isir żbir taż-żona fejn hemm is-siġar.

13.4.6 Il-Kunsillier Agius informa li s-SE kienet għaddietlu l-ittra biex tiġi mgħoddija lill-familja ta' Dun Joe Calleja u hu kien se jieħu ħsieb li jġib l-approvazzjoni min-naħa tagħhom biex il-Kunsill imexxi bl-iscanning tal-ktieb u biex jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-Kunsill.

13.4.7 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Farrugia dwar it-talba tal-Kunsill biex isir bus stop fi Triq Boxbox, is-SE infurmat li ma jidhrilhiex li kien hemm risposta. Hija infurmat li fil-każ se tintbagħat tfakkira dwaru.

13.4.8 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li ssir camera fil-kuridur li jagħti għall-bieb tal-ġenb u li d-dawl tal-kuriduri jsiru bis-sensor biex ma jkunx hemm ħela.

13.4.9 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Farrugia dwar jekk kienx hemm xi feedback dwar ix-xogħlijiet li ddaħħlu fuq il-*framework agreement*, is-SE infurmat li s'issa ma semgħet xejn. Wara diskussjoni kien hemm qbil biex is-SE iddaħħal 3 talbiet ġodda, eżattament biex issir bankina ġdida fi Triq Johnnie Catania, biex isir il-pavimentar mill-ġdid tal-isqaq ta' Triq Johnnie Catania u biex isir il-pavimentar ta' Triq Giocchino Navarro.

13.4.10 Il-Kunsillier Farrugia informa li hu u s-SE kienu marru l-bandli tas-Swatar kif ukoll ħdejn il-Junior College u identifikaw fejn setgħu jitwaħħlu l-bankijiet li se jinqalgħu mill-bandli tal-Imsida.

13.4.11 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg, is-SE infurmat li r-risposta dwar l-iskema tar-restawr kienet intbagħtet.

13.4.12 Il-Kunsillier JC Borg informa li fir-rigward tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kien hemm problema bit-tfal tal-Iskola Primarja tal-Imsida minħabba li kellhom xi attività oħra. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Borg jingħata l-fakultà biex jikkuntattja skejjel oħra biex l-attività ssir.

13.4.13 Il-Kunsillier Agius informa li fl-Iskola Primarja kien hemm statwa tal-Madonna li baqgħat ma tpoġġietx lura. Kien hemm qbil li s-Sindku għandu jkellem lill-PA tal-Ministru dwarha.

13.4.14 Il-Kunsillier Agius ssuġġerixxa li jintbagħat kont tal-iscaffolding tal-għassa tal-pulizija. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija u tavżah li għandu jsir il-ħlas dovut.

13.4.15 Fir-rigward tal-purċissjoni bl-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira u fuq suġġeriment tas-SE, kien hemm qbil li minflok fliexken tal-ilma, it-tfal jingħataw frotta, sabiex il-Kunsill juri li mhux qed jippromwovi *single use plastic*.

13.4.16 Is-Sindku ssuġġerixxa li għandhom jiġu avviċinati xi ħwienet fl-Imsida biex joffru sponsor.

13.4.17 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Chircop dwar para 12.3.13, is-SE infurmat li din it-talba kienet intbagħtet lil TM u iżda dawn m'approvawx is-suġġeriment tal-Kunsill. Min-naħa l-oħra kienu bagħtu rakkomandazzjoni oħra min-naħa tagħhom li iżda sfortunatament ma tindirizzax il-problema li nħolqot bil-proġett tal-Imsida Creek.

13.4.18 Hawnhekk kien hawn diskussjoni dwar l-inkonvenjenza li nħolqot lir-residenti Misidjani minħabba li bil-proġett tal-Imsida Creek hemm nuqqas kbir ta' aċċessibbilità. Kien hemm qbil li l-unika soluzzjoni hija li ssir xi tip ta' *hair-pin turn* viċin tal-BOV simili ta' li kien hemm qabel. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lil Infrastructure Malta u tikkopja lill-Kunsilliera kollha.

13.4.19 Il-Kunsillier Chircop talab li għandha tintbagħat kommunikazzjoni oħra lil Infrastructure Malta biex jgħaddu kopja tal-pjanta tal-bandli u jinfurmawna lura jekk humiex finalizzati.

13.4.20 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Chircop dwar għaliex il-vann l-abjad mhux qed ikun ipparkjat fil-bay tal-kunsill, is-SE infurmat li kien tressaq minħabba x-xogħlijiet tat-trinka ta' IM u sadanittant waqgħatlu l-battery. Sadanittant infurmat lill-Kunsill li kienet inġabet kwotazzjoni biex jitranġa u x-xogħol kollu kien se jiswa madwar €300. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jirranġah.

13.4.21 Il-Kunsillier C. Borg għadda rapport lil kull Kunsillier dwar l-attivitajiet kollha tal-EU li huwa involut fih il-Kunsill u ta spjega ħafifa. Kopja tar-rapport huwa mehmuż.

13.4.22 Il-Kunsillier C. Borg informa wkoll li hu, il-Kunsillier Baldacchino Cefai, is-SE u s-Sur Alex Calleja Zammit kienu attendew għal laqgħa ma' SEM rigward possibbiltà ta' ġemellaġġ ġdid.

## 13.5 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

13.5.1 Is-SE infurmat li l-bankina ta' quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali kienet tranġat mill-kuntrattur li allegatament kien kissirha.

13.5.2 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva kommunikazzjoni mingħand TCTC għal tagħlim tat-tfal fis-Sajf iżda minbarra li l-ammonti kienu kollha 'l fuq mid-Direct Order, il-Kunsill ma kellux fondi mill-baġit ta' din is-sena biex ikun jista' jakkomoda dawn is-sessjonijiet. Min-naħa l-oħra kien hemm resident li jifforma parti mis-sotto kumitat tas-Swatar li kien offra li jagħti sessjonijiet bla ħlas lit-tfal u lill-adult dwar kif wieħed jagħmel 'coding'. Il-Kunsill qabel li m'għandhomx isiru s-sessjonijiet ma' TCTC u li jekk hemm possibbiltà li jsiru xi sessjonijiet bla ħlas, għandu jisfrutta din l-opportunità.

13.5.3 Is-SE infurmat li kienet saret applikazzjoni biex tiġi rranġata waħda mill-gallariji li kienet tidher li għandha partijiet minnha qed tfaqqa'. S'issa l-kwotazzjonijiet kienu jvarjaw bejn ftit 'il fuq minn €1,000 u €3,000. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir dan ix-xogħol ta' emerġenza.

13.5.4 Is-SE infurmat ukoll li bħalissa kienet għaddejja bl-aħħar preparamenti biex isir xogħol ta' tikħil u żebgħa fuq ġewwa tal-binja tal-Kunsill mill-ħaddiema tad-DLG.

13.5.5 Is-SE infurmat li kienet talbet l-informazzjoni dwar il-€131,000 xogħlijiet fi Triq il-Prinċipessa Margerita, Triq l-Isqof Caruana u Triq Sant'Antnin li kienu ssemmew waqt il-laqgħa preċedenti mill-accountant tal-Kunsill .u jidher li m'hemmx ċertifikazzjoni tagħhom. Minn informazzjoni li ġabet kien is-SE li mar jieħu l-kejlijiet u x-xogħlijiet kienu jinkludu rranġar tal-bankini fejn kien hemm il bżonn u ż-żebgħa tagħhom biż-żebgħa ħamra u żebgħa tal-kurduni biż-żebgħa bajda inkluż il-materjal.

13.5.6 Is-SE infurmat li item ieħor li kien hemm fuq il-lista kienu ż-żewġ pompi li nxtraw għall-għajn tal-ħasselin. Hija kienet iċċekkjat u jidher li dawn ma kinux fuq il-post u meta staqsiet dwarhom, il-kuntrattur informa li kellhom xi ħsara. Kien hemm qbil li hija għandha tikteb lill-kuntrattur biex jitranġaw u jitwaħħlu mill-aktar fis possibbli.

13.5.7 Fuq talba tal-Kunsillier Farrugia, kien hemm qbil li s-SE għandha tiċċekkja dwar il-proġett taċ-Ċirku tal-Imsida b'mod speċjali jekk kienx jifforma parti minn xi Skema.

## 13.6 Intervisti għall-Vakanza ta’ Handyman/Driver

13.6.1 Is-SE infurmat li kienu saru l-intervisti għall-vakanza li kellu l-Kunsill fejn kienu applikaw u attendew żewġ persuni għall-intervisti. Fuq rakkomandazzjoni tal-bord tal-intervisti kien hemm qbil li tiġi magħżula l-persuna li ġabet l-aktar punti. Is-SE għandha tieħu ħsieb li jinbeda l-proċess tal-ingaġġ ta’ din il-persuna.

## 13.7 Jum l-Imsida 2025

13.7.1 Is-Sindku informa li din is-sena l-attività ta’ Jum l-Imsida għandha tinżamm fis-Sala tal-Iskola jew fiċ-Ċentru Parrokkjali minħabba li fil-pjazza hemm wisq storbju u trabijiet. Kien hemm qbil li d-data għandha tkun nhar il-Ġimgħa 11 ta’ Lulju flgħaxija.

13.7.2 Is-SE se tieħu ħsieb tiċċirkola kopja tar-regolamenti u l-applikazzjoni ta’ Mertu l-Imsida.

13.7.3 Il-Kunsillier JC Borg issuġġerixxa biex il-Kunsill jikkunsidra li jingħata rikonoxximent lil min ħareġ bl-idea tal-Iskola Primarja l-ġdida fl-Imsida.

## 13.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

13.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-13), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Farrugia propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Baldacchino Cefai ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 13.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

13.9.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 28 ta’ April 2025 fil-5pm.

**IFFIRMATA**
Charles Selvaggi
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv

**Anness 1 - Laqgħa mas-Sur Ryan Mercieca, Liaison Officer – Msida Creek Project**

Il-Kunsill issospenda l-laqgħa temporanjament sabiex jisma' r-rapport mingħand is-Sur Ryan Mercieca. Il-ħin kien il-5:00pm.

Is-Sindku informa li għalkemm kulħadd xtaq li l-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp issir fuq in-naħa tagħna, kellha ssir fuq ix-xaqliba ta' wara l-Knisja għaliex ma nħariġx il-permess min-naħa ta' TM u l-Pulizija.

Hawnhekk is-SE fakkret li ġejja purċissjoni oħra, dik tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, u importanti li d-dawra ta' madwar il-Kunsill tkun lesta. Hija ġibdet l-attenzjoni li d-deadline li kienet tat IM kienet dakinhar stess u x-xogħol għadu mhux lest. Hawnhekk il-Kunsillier JC Borg qal li jekk hemm bżonn tinbidel ħarira r-rotta. Kien hemm qbil imma li possibbilment il-Kunsill għandu jinsisti li x-xogħol jitlesta kif kien imwiegħed u r-rotta tibqa' kif kienet dejjem.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li għall-festa ta' San Ġużepp lanqas biss imqar tniżżlu l-cranes.

Ryan ġibed l-attenzjoni li r-rampa tal-passaġġ saret iżda r-rampa ta' quddiem il-kunsill kienet baqgħat ma saritx.

Is-Sindku informa li l-passaġġi reġgħu qed ikunu bla dawl. Talab ukoll biex jiġi rranġat il-passaġġ tan-naħa tal-baħar għaliex mhux komdu għal min hu anzjan jew juża wheel chair.

Inġibdet l-attenzjoni ta' Ryan li l-mobile toilets għadhom ma sarux. Huwa kien se jieħu ħsieb li jerġa' jfakkarhom.

Inġibdet l-attenzjoni wkoll għall-fatt li s-centre strip ta' Triq il-Wied kienet tneħħiet u baqgħet ma ngħalqitx bil-barriers u qed jgħaddu l-vetturi u jagħmlu l-U-Turns.

Is-Sindku informa li l-kuntrattur mhux ikollu uffiċjali u minflok qed jitfa' ħaddiem fin-nofs imexxi t-traffiku.

Is-Sindku fakkar li kellhom iġibu uffiċjal bejn Triq il-Punent u l-Iskate Park. Kulħadd wera d-diżappunt tiegħu fuq din il-kwistjoni għaliex qed ikun hemm għadd kbir ta' traffiku wieqaf.

Ryan informa li IM mhux jaqblu mal-uffiċjal u minflok kienu se jagħmlu resurfacing taċ-ċirku tal-Imsida u qed jisperaw li t-traffiku jgħaddi lejn il-Gżira minflok. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Chircop se niktbu aħna lil TM għall-uffiċjali.

Il-Kunsillier Farrugia ġibed l-attenzjoni li kienet ingħalqet parti mill-bankina u n-nies iridu jimxu fit-triq fi Triq Xatt l-Imsida ma' Triq il-Wied.

Hawnhekk il-Kunsillier Farrugia ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill qed ikollu nuqqas ta' informazzjoni dwar x'inhu jiġri fir-rigward tal-proġett.

Is-Sindku staqsa fejn se jieqfu n-nies b'tal-linja għax in-nies qed isaqsu u l-membri tal-Kunsill mhux ikunu jafu.

Ryan informa li skont ma infurmawh, ix-xogħol ta' bil-lejl qed jippruvaw jevitawh imma fejn jaffettwaw it-traffiku ovvjament ikollhom jaħdmu bil-lejl.

Il-Kunsillier Baldacchino Cefai ġibdet l-attenzjoni li l-ħadid ta' mal-art ta' ħdejn il-pont qed jagħmel ħafna storbju u għaldaqstant talbet biex isir xi tarmak miegħu.

Il-Kunsillier Farrugia ġibed l-attenzjoni li l-iscaffolding suppost huwa mgħotti bil-green sheeting u li suppost il-*Health and Safety Officer* kellu jiġbed l-attenzjoni dwar dan.

Il-Kunsillier Farrugia informa li l-parti minn Triq Rue D'argens fiha parti li qed tinqasam bl-ammont ta' vetturi kbar li qed jieqfu quddiem l-istage il-ġdid.

Is-Sindku informa li saru kummenti fil-pubbliku u li l-istqarrija li saret mill-PN saret għaliex IM kienet ramiet l-affarijiet tal-Kunsill li jinsabu fil-pjazza u fil-ġnien, wara li wegħdu li se jżommulna l-affarijiet u ma żammux kelmthom. Barra minn dan, huma kienu qed jgħidu li l-Kunsill huwa ferħan bil-proġett.

Il-Kunsillier Farrugia informa li mqar għandu jsir dawl fin-nofs tat-triq ħdejn il-lights minħabba li bħalissa hemm id-dlam.

Hawnhekk il-Kunsillier Agius informa li kien ġibed l-attenzjoni lill-Health and Safety Officer dwar dan.

Is-Sindku informa li hemm bżonn li jkun hemm aktar informazzjoni li tasal għand il-Kunsill u għand ir-residenti.

Ryan ikkonferma li kien għamel rapport dwar ħofra ħdejn Avis u hu qal li l-periti kienu taw struzzjonijiet biex titranġa.

Hawnhekk il-Kunsillier Chircop issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikteb lil IM jagħtu l-fakultà lil Ryan biex jiġri wara l-kuntrattur tagħhom biex jagħmel ċertu manutenzjoni li huma jkunu infurmawh biha, b'mod speċjali fejn jidħlu ħofor minħabba sigurtà tas-sewwieqa u tar-residenti. Il-membri tal-Kunsill qablu.

Il-Kunsillier Chircop informa li kien sema' mingħand individwu li se tingħalaq parti minn Triq Reġjonali minħabba xogħol fuq is-sistema tad-drenaġġ. Ryan informa li hu ma kienx jaf b'dan ix-xogħol.

Ryan informa li t-traffic lights ta' Triq AM Vassallo se jitmexxew aktar 'il fuq.

Is-Sindku informa li kienu marru xi periti biex jagħmlu spezzjonijiet lid-djar ta' Triq Johnnie Catania. Probabbilment dan sar għaliex kien se jinbeda x-xogħol fuq il-ħajt.

Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-camera li kienet qed tagħti fuq il-proġett tal-Imsida Creek kienet ġiet imċaqalqa għal fuq il-binjiet tal-ġenb min-naħa tat-tekniku li ntbagħat wara li għal xi raġuni kienu ntfew.

Il-laqgħa spiċċat fis-5:50pm.

*****